MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-3 ta’ Mejju, 2024

Appell Inferjuri Numru 85/2023 LM

**Jonathan Micallef (K.I. nru. 476285(M)),**
**Carmen Cuschieri (K.I. nru. 299669(M)),**
**Marylise Fava (K.I. nru. 261188(M)),**
**Jennifer Falzon (K.I. nru. 109869(M)),**
**Melvyn Vassallo (K.I. nru. 565774(M)),**
**Bernice Schembri Wismayer (K.I. nru. 318387(M)),**
**Annalise Zammit (K.I. nru. 172385(M)),**
**Godwin Farrugia (K.I. nru. 322869(M)),**
**Audrey Borg (K.I. nru. 119469(M)),**
**Doreen Falzon (K.I. nru. 16568(M)),**
**Vladimir Pace Frendo (K.I. nru. 358483(M)),**
**Stephanie Pearson (K.I. nru. 144071(M)),**
**Joseph Borg (K.I. nru. 49683(M)),**
**Daniela Spiteri (K.I. nru. 349681(M)),**
**Bernard Maniscalco (K.I. nru. 389591(M)),**
**Denise Fenech (K.I. nru. 173390(M)),**
**Clare Musat (K.I. nru. 250073(M)),**
**Chris Fabri (K.I. nru. 499479(M))**
**Yanika DeBono (K.I. nru. 333373(M)),**
**Bernardette Gouder Valletta (K.I. nru. 280373(M)),**

**Roberta Gauci Borda (K.I. nru. 231378(M)),**
**Mary Mifsud (K.I. nru. 310475(M)),**
**Esther Azzopardi (K.I. nru. 10482(M)),**
**Josann Robertson (K.I. nru. 492875(M)),**
**Joel Calleja (K.I. nru. 156872(M)),**
**Lilian Mifsud (K.I. nru. 139872(M))**
**Shirley Farrugia (K.I. nru. 512871(M)),**
**Charles Vincenti (K.I. nru. 136169(M)),**
**Vanessa Degiorgio (K.I. nru. 273674(M)),**
**Rachel Gatt, (K.I. nru. 60578(M)),**
**Conrad Fenech (K.I. nru. 32468(M)),**
**Margo Micallef (K.I. nru. 56577(M)),**
**Joseph Zammit (K.I. nru. 254477(M)),**
**Joanne Fenech (K.I. nru. 71170(M)),**
**Chris Meli (K.I. nru. 423669(M)),**
**Mark Aquilina (K.I. nru. 219569(M)),**
**Marie Louise Cutajar (K.I. nru. 334069(M)),**
**Anatole Scerri Diacono (K.I. nru. 465074(M)),**
**Victoria Seguna (K.I. nru. 363967(M)),**
**Martin Cachia (K.I. nru. 180567(M)),**
**Pauline Sultana (K.I. nru. 408668(M)),**
**Louiselle Cauchi (K.I. nru. 276668(M)).**
*('ir-rikorrenti')*

***vs*.**

**Air Malta p.l.c. (C 2685)**
**u**
**l-Union of Cabin Crew**
*('l-intimati')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huma żewġ appelli, magħmul wieħed mis-soċjetà intimata **Air Malta plc (C 2685)** [minn issa 'l quddiem 'is-soċjetà intimata'], u l-ieħor inċidentalment

mir-rikorrenti **Jonathan Micallef (K.I. nru. 476285(M)), Carmen Cuschieri (K.I. nru. 299669(M)), Marylise Fava (K.I. nru. 261188(M)), Jennifer Falzon (K.I. nru. 109869(M)), Melvyn Vassallo (K.I. nru. 565774(M)), Bernice Schembri Wismayer (K.I. nru. 318387(M)), Annalise Zammit (K.I. nru. 172385(M)), Godwin Farrugia (K.I. nru. 322869(M)), Audrey Borg (K.I. nru. 119469(M)), Doreen Falzon (K.I. nru. 16568(M)), Vladimir Pace Frendo (K.I. nru. 358483(M)), Stephanie Pearson (K.I. nru. 144071(M)), Joseph Borg (K.I. nru. 49683(M)), Daniela Spiteri (K.I. nru. 349681(M)), Bernard Maniscalco (K.I. nru. 389591(M)), Denise Fenech (K.I. nru. 173390(M)), Clare Musat (K.I. nru. 250073(M)), Chris Fabri (K.I. nru. 499479(M)), Yanika DeBono (K.I. nru. 333373(M)), Bernardette Gouder Valletta (K.I. nru. 280373(M)), Roberta Gauci Borda (K.I. nru. 231378(M)), Mary Mifsud (K.I. nru. 310475(M)), Esther Azzopardi (K.I. nru. 10482(M)), Josann Robertson (K.I. nru. 492875(M)), Joel Calleja (K.I. nru. 156872(M)), Lilian Mifsud (K.I. nru. 139872(M)), Shirley Farruġia (K.I. nru. 512871(M)), Charles Vincenti (K.I. nru. 136169(M)), Vanessa Degiorgio (K.I. nru. 273674(M)), Rachel Gatt, (K.I. nru. 60578(M)), Conrad Fenech (K.I. nru. 32468(M)), Margo Micallef (K.I. nru. 56577(M)), Joseph Zammit (K.I. nru. 254477(M)), Joanne Fenech (K.I. nru. 71170(M)), Chris Meli (K.I. nru. 423669(M)), Mark Aquilina (K.I. nru. 219569(M)), Marie Louise Cutajar (K.I. nru. 334069(M)), Anatole Scerri Diacono (K.I. nru. 465074(M)), Victoria Seguna (K.I. nru. 363967(M)), Martin Cachia (K.I. nru. 180567(M)), Pauline Sultana (K.I. nru. 408668(M)) u Louiselle Cauchi (K.I. nru. 276668(M))** [minn issa 'l quddiem 'ir-rikorrenti'], mid-deċiżjoni [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'] mogħtija mit-Tribunal Industrijali [minn issa 'l quddiem 'it-

Tribunal'] fil-25 ta' Lulju, 2023, fil-Kwistjoni tax-Xogħol nru. 3632/GV fl-ismijiet fuq premessa, fejn iddeċieda kif ġej:

***"Decide***

*Illi bħala kumpens dan it-Tribunal se jikkonsidra wkoll li kien hemm negliġenza kontributorja* (contributory negligence) *da parti tar-rikorrenti, li fuq dan il-prinċipju l-awtur Norman Selwyn jgħid:*

11.131. ...... The employer will argue that even though he was negligent, so too was the injured employee, and a reduction in the amount of damages awarded will be the result. The actual percentage reduction made is scarcely based on the scientific principles, and appeals courts may take a different view of the share of the blame to be apportioned.

11.132. Although in Jayes v IMI (Kynoch) Ltd the Court of Appeal had held that there was no principle in law that rules out a finding of 100 percent contributory negligence the case was disapproved by a more recent decision of the court in Anderson v Newham College of Further Education. There is a distinction between arguing that a claimant is 100 per cent contributorily negligent and arguing that an accident was entirely due to the fault of the claimant. Thus, if there has been a breach of statutory duty by an employer it must be shown not only that the worker's breach of the same statutory duty was as great as that of the employer but that the employer did all he could to ensure compliance by the worker. If there is no breach of statutory duty by the employer, no question of contributory negligence arises (Anderson v Newham college of Further Education) (fn. 27 Selwyn's Law of Employment 22nd Edition – Astra Emir, Oxford University Press (2022) – par. 11.131 u 11.132, p. 348)

*Illi bħala kumpens dan it-Tribunal se jikkonsidra wkoll li kien hemm negliġenza kontributorja* (contributory negligence) *da parti tar-rikorrenti, li fuq dan il-prinċipju l-awtur Norman Selwyn jgħid:*

17.233 The assessment of the percentage reduction to be taken into account because of contributory conduct is essentially a question of fact, to be determined by the employment tribunal (Hollier v Plysu Ltd)*(fn. 28 ibid – para 17.233, p. 476)*

*Dan it-Tribunal iqis li matul in-negozjati għal dan il-Ftehim Kollettiv tas-6 ta' Diċembru 2017 kien hemm xi wħud mir-rikorrenti li kienu fil-kumitat eżekuttiv tal-Union ntimata, u li dan l-aġir ta' dawn ir-rikorrenti li ħadu sehem f'dawn in-negozjati se jinċidi fuq il-*quantum *tal-kumpens. In oltre, dan l-istess Ftheim Kollettiv kien ġie approvat mill-maġġoranza tal-membri tal-Union. It-Tribunal hu tal-fehma li għandu*

*jkun hemm tnaqqis ta' għoxrin fil-mija (20%) bħala negliġenza kontributorja (fn. 29 Vide affidavits ta' Karen Galea, Adrian Caruana, Alexander Salem Rizzo, u Robert Carl Frank Darmanin.)*

*Illi għar-rigward tal-Union ntimata dan it-Tribunal iqis li għalkemm is-soċjetà ntimata qiegħda targumenta li l-Union ntimata għandha tinstab responsabbli għal kwalunkwe nuqqas li seta' sar minħabba l-involviment tal-Union ntimata f'dawn in-negozjati, dan it-Tribunal qiegħed jillibera lill-Union intimata, ossia Union of Cabin Crew mill-osservanza tal-ġudizzju. Dan it-Tribunal jinterpreta artikolu 30 tal-Kap 452, li huwa l-prinċipal li għandu jipproteġi l-kondizzjonijiet tal-impjieg tal-impjegati tiegħu (*Persuna li tallega li l-prinċipal ikun kiser, ...) *(fn. 30 Artikolu 30 tal-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, Kap 452, tal-Liġijiet ta' Malta).*

***Kumpens***

*Illi f'din il-kwistjoni ta' xogħol kien hemm disa' (9) rikorrenti li permezz ta' nota ta' ċessjoni ċedew id-dritt litiġjuż tagħhom f'din il-kwistjoni ta' xogħol, liema rikorrenti huma, Anatole Scerri Diacano, Vanessa Degiorgio, Stephanie Pearson, Margo Micallef, Jennifer Falzon, Martin Cachia, Roberta Gauci Borda, Conrad Fenech u Doreen Falzon.*

*Illi għalhekk it-Tribunal bħala kumpens għar-rikorrenti l-oħra u li jammontaw għal tlieta u tletin (33) qiegħed jordna lis-soċjetà ntimata Airmalta plc sabiex tħallas lir-rikorrenti dawn l-ammonti lil kull wieħed u waħda minnhom is-segwenti ammont bħala kumpens:-*

*lil Daniela Spitieri l-ammont ta' ħamest elef u segħba mija u tnax-il Ewro (€5,712);*

*lil Shirley Farrugia l-ammont ta' tmint elef ħames mija u sebgħa u tmenin Ewro (€8,587);*

*lil Joel Calleja l-ammont ta' tmint elef mitejn u tmienja u sttin Ewro (€8,268);*

*lil Christopher Fabri l-ammont ta' disat elef mija u ghoxrin Ewro (€9,120),*

*lil Bernice Schembri Wismayer l-ammont ta' disat elef u sitt mitt Ewro (€9,600);*

*lil Vladimir Pace Frendo l-ammont ta' ħmistax-il elf tmien mija u sitta u sebgħin Ewro (€15,876);*

*lil Audrey Borg l-ammont ta' tlettax-il elf u mitejn Ewro (€13,200);*

*lil Marylise Fava l-ammont ta' sittax-il elf ħames mija u dsatax-il Ewro (€16,519);*

*lil Denise Marie Fenech l-ammont ta' tnax-il elf Ewro (€12,000);*

*lil Joseph Borg l-ammont ta' erbatax-il elf u erba' mitt Ewro (€14,400);*

*lil Joanne Fenech l-ammont ta' sittax-il elf u tmien mitt Ewro (€16,800);*

*lil Jonathan Micallef l-ammont ta' tmintax-il elf sitt mija u erbgħin Ewro (€18,640);*

*lil Yanika De Bono l-ammont ta' sittax-il elf u tmien mitt Ewro (€16,800);*

*lil Mary Mifsud l-ammont ta' sbatax-il elf u erbgħa u sittin Ewro (€17,064);*

*lil Bernardette Gouder Valletta l-ammont ta' erbatax-il elf u erba' mitt Ewro (€14,400);*

*lil Rachel Gatt l-ammont ta' dsatax-il elf u mitejn Ewro (€19,200);*

*lil Louiselle Cauchi l-ammont ta' sitta u għoxrin elf u tlieta u għoxrin Ewro (€26,023);*

*lil Christopher Meli l-ammont ta' tlieta u għoxrin elf ħames mija u għoxrin Ewro (€23,520);*

*lil Charles Vincenti l-ammont ta' sebgħa u għoxrin elf, tmien mija u erbgħin Ewro (€27,840);*

*lil Carmen Cuschieri l-ammont ta' erbgħa u għoxrin elf Ewro (€24,000);*

*lil Esther Azzopardi l-ammont ta' wieħed u għoxrin elf u tmien mija u erbgħin Ewro (€21,840);*

*lil Joseph Zammit l-ammont ta' wieħed u għoxrin elf u sitt mitt Ewro (€21,600);*

*lil Melvyn Vassallo l-ammont ta' għoxrin elf, tmien mija u tmenin Ewro (€20,880);*

*lil Pauline Sultana l-ammont ta' sitta u għoxrin elf u erba' mit Ewro (€26,400);*

*lil Mark Aquilina l-ammont ta' erbgħa u għoxrin elf Ewro (€24,000);*

*lil Victoria Seguna l-ammont ta' ħamsa u tletin elf ħames mija u għoxrin Ewro (€35,520);*

*lil Godwin Farrugia l-ammont ta' sbatax-il elf mija u sebgħa u sittin Ewro (€17,167);*

*lil Clare Muscat l-ammont ta' sbatax-il elf u ħames mitt Ewro (€17,500);*

*lil Bernard Maniscalo l-ammont ta' ħmistax-il elf u seba' mitt Ewro (15,700)*

*lil Lilian Mifsud l-ammont ta' disat elef u sitt mitt Ewro (€9,600);*

*lil Josann Robertson, l-ammont ta' għoxrin elf u erba' mitt Ewro (€20,400);*

*lil Annalise Zammit l-ammont ta' sittax-il elf u tmenin Ewro (€16,080);*

*lil Marie Louise Cutajar l-ammont ta' għoxrin elf u tmien mitt Ewro (€20,800);*

*Illi għalhekk, is-soċjetà ntimata, Airmalta plc, komplessivament għandha tħallas l-ammont globali ta' ħames mija ħamsa u tmenin, sitta u ħamsin elf Ewro (€585,056) li għandhom jitħallsu lir-rikorrenti u dan skont dak l-ammont kif indikat hawn fuq lil kull rikorrenti.*

*Għal dawn il-motivi, dan it-Tribunal qiegħed jaqta' u jiddeċiedi din il-kwistjoni ta' xogħol billi jilqa' l-ewwel u t-tieni talba tar-rikorrenti, u dan kif ġia ġie spjegat aktar 'l fuq, jilqa' t-tielet talba tar-rikorrenti, u jillikwida l-ammont ta' ħames mija ħamsa u tmenin, sitta u ħamsin elf Ewro (€585,056) u dan* ai termini *tal-artiklu 30 tal-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, Kap 452, tal-Liġijiet ta' Malta bħala kumpens dovut lir-rikorrenti, u jilqa' r-raba' talba u jordna lis-soċjetà ntimata, Airmalta plc, sabiex fi żmien xahar mid-data ta' din id-deċiżjoni tħallas lir-rikorrenti l-imsemmi ammont ta' ħames mija ħamsa u tmenin, sitta u ħamsin elf Ewro (€585,056), dan skont dak l-ammont kif indikat aktar 'l fuq lil kull rikorrenti.*

*...*

*Għalhekk tintemm din il-kwistjoni ta' xogħol."*

## Fatti

2. Il-fatti ta' din il-kawża jirrigwardaw l-allegazzjoni ta' trattament diskriminatorju fil-konfront tagħhom bħala *cabin crew* impjegati mas-soċjetà intimata, riżultat ta' dak li jipprovdi l-*Collective Agreement* tas-6 ta' Diċembru, 2017.

## Mertu

3. Ir-rikorrenti għalhekk istitwew proċeduri quddiem it-Tribunal fl-4 ta' April, 2018 permezz ta' rikors, fejn talbu lill-imsemmi Tribunal sabiex:

*"...prevja dawk id-dikjarazzjonijiet u/jew ordnijiet kollha neċessarji u/jew opportuni u għar-raġunijiet indikati hawn fuq:*

1. *Jiddikjara li l-*Collective Agreement *datat 6 ta' Diċembru, 2017 u/jew partijiet mill-istess kif dettaljat hawn fuq, inklużi l-iskali ta' pagi tal-impjegati*

*determinati skont Appendix X jilledi l-prinċipju ta' ugwaljanza u non-diskriminazzjoni u l-prinċipju li jeħtieġ* 'equal pay for equal work'.

2. *Jordna illi konsegwentement għas-surreferit u a tenur tal-liġi, senjatament l-art. 30 tal-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, il-*Collective Agreement *u/jew partijiet minnu huwa null u bla effett u kwindi jordna il-kanċellament tal-*Collective Agreement *u/jew ta' partijiet mill-istess.*
3. *Jillikwida wkoll a tenur tal-istess art. 30 tal-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali dak il-kumpens dovut lill-esponenti jew min minnhom in vista ta' tali ksur.*
4. *Jordna lill-intimati jew min minnhom iħallsu lill-esponenti il-kumpens likwidat skont it-tielet talba.*

*Bl-ispejjeż ta' din il-proċedura kontra l-intimati jew min minnhom."*

4. Is-soċjetà ntimata wieġbet fit-22 ta' Mejju, 2018, fejn talbet sabiex it-Tribunal jiċħad it-talbiet tar-rikorrenti, bl-ispejjeż.

5. L-intimata Union of Cabin Crew wieġbet fit-13 ta' Settembru, 2018, fejn hija ddikjarat li lesta *"tbaxxi rasha dejjem għal ġudizzju ta' dan it-Tribunal".*

## Id-deċiżjoni appellata

6. Dawn huma l-konsiderazzjonijiet tat-Tribunal li wasluh għad-deċiżjoni preliminari tiegħu:

***"Il-Fatti fil-Qosor ta' din il-Kwistjoni ta' Xogħol***

*Illi permezz ta' Ftehim Kollettiv, liema Ftehim Kollettiv sar bejn iż-żewg intimati, ossia Airmalta plc u l-Union of Cabin Crew, datat 6 ta' Diċembru 2017, l-imsemmija ntimati stipulaw, kundizzjoni, fost kundizjonijiet oħra, li tirregola l-pagi tal-impjegati, ossia r-rikorrenti. Illi r-rikorrenti qegħdin isostnu li din il-kundizzjoni hija diskriminatorja u dan stante li skont dan il-Ftehim Kollettiv, l-impjegati* [sic!] *tal-*cabin crew *għas-snin 2018 sa 2022 se jkun determinat b'mod indvidiwali skont l-aħjar sena. In oltre, din l-aħjar sena għandha tintagħżel mill-impjegat/a bejn is-snin 2014 u 2017. Din il-kundizzjoni* ab verbatim *tistipula s-segwenti:-*

> *The five (5) years covered by this Collective Agreement, commencing on 1st January, 2018, are subject to a minimum increase of one thousand euro (€1,000) in take home-pay when compared to the best year as chosen by the employee for the period 2014, 2015, 2016 and 2017 as stipulated in the Agreement dated 24th August 2016 (Appendix A) and applicable to employees in employment at the date of signing of this Agreement but excluding part-time employees. If in any year, the employee will not reach the best year threshold plus one thousand euro (€1,000), the minimum increase threshold mechanism will apply. A corrective mechanism bonus consisting of the different between the actual gross earning of that particular year (2018-2022) and the best take-home added with a top-up of one thousand euro (€1,000) will be given, the said bonus will be reflected in the January following the applicable year salary.*
>
> *The take home pay for reduced hours employees shall be calculated on 50% of the average of full-time employees' take home pay as long as they work two (2) flights per week (fn. 1* Collective Agreement between Air Malta plc and the Union of Cabin Crew 1st January 2018 – 31st December 2022 p lxiv tal-istess Collective Agreement *(Dok. 'A' esebit mar-rikors promotur)*

*Illi mill-banda l-oħra s-soċjetà ntimata, Airmalta plc qiegħda tirribatti billi ssostni li l-prinċipju ta'* equal pay for work of equal value *hu rispettat, u li inoltre l-*Corrective Mechanism *juża kriterji oġġettivi u japplika bl-istess mod għall-impjegati kollha li jaqgħu taħt dan il-Ftehim Kollettiv, u għalhekk dan il-Ftehim Kollettiv mhuwiex diskriminatorju.*

*Di più, s-soċjetà ntimata f'paragrafu numru 5 tar-risposta tagħha teċċepixxi li jekk dan it-Tribunal jidhirlu li l-*Corrective Mechanism *huwa diskriminatorju, dan it-Tribunal għandu jeżerċita l-poter tiegħu ai termini ta' artikolu 30 tal-Kap 452, u jikkanċella l-klawsola li hija diskriminatorja u li tikser il-ligijiet applikabbli u/jew tilledi l-prinċipju tal-*equal pay for work of equal value.

*L-intimata l-oħra f'din il-kwistjoni ta' xogħol, ossia, l-Union of Cabin Crew, issostni fir-risposta taghha, li l-istess Union tiċħad li daħlet f'xi Ftehim Kollettiv li hu ta' preġudizzju għad-drittijiet tal-membri tagħha, u ssostni li ma hemmx trattament diskriminatorju. L-Union intimata tirrileva li hi tqis l-interessi tal-membri tagħha ossia r-rikorrenti, u għalhekk tbaxxi rasha għal ġudizzju tat-Tribunal. Di più, t-tielet u r-raba' talba ma jistgħux jintlaqgħu fil-konfront tagħha u dan stante li tali pretensjoni tista' titressaq biss fil-konfront tal-prinċipal, ossia min iħaddem.*

***Konsiderazzjonijiet tat-Tribunal Industrijali***

*Illi dan it-Tribunal għandu quddiemu kwistjoni ta' xogħol li tikkonċerna Ftehim Kollettiv li sar fis-6 ta' Diċembru 2017 bejn il-partijiet involuti f'din il-kwistjoni ta' xogħol. Ir-rikorrenti, u li huma lkoll impjegati (*cabin crew) *tas-soċjetà ntimata, Airmalta plc, qegħdin jitolbu lil dan it-Tribunal sabiex dawk il-partijiet tal-Ftehim Kollettiv bħala null u bla effett, u dan skont l-artikolu 30 tal-Kap. 452. Inoltre, l-istess rikorrenti qegħdin jitolbu kumpens li għandu jkun likwidat skont it-tielet talba.*

*F'din il-kwistjoni ta' xogħol xehdu diversi persuni, kemm uffiċjali tas-soċjetà ntimata, membru u ex membri tal-Union of Cabin Crew, xi whud mir-rikorrenti, l-aktar fosthom Jonathan Micallef, u xhieda oħra kemm* viva voce *u kif ukoll permezz tal-affidavit.*

*Ix-xhud Roberto Cristiano, uffiċjal tas-soċjetà ntimata Airmalta plc, u li f'dak il-perijodu kien jokkupa l-kariga ta'* Chief Human Resources Officer, *fid-depożizzjoni tiegħu elabora fuq dan il-Ftehim Kollettiv u spjega għaliex kien sar. Dan ix-xhud saħaq li* take home pay *kienet tinħadem billi tittieħed l-aħjar paga bejn is-snin 2014, 2015, 2016, u 2017. Din tinħadem skont l-iskala tal-impjegat/a partikolari tal-*cabin crew. *Dan ix-xhud sostna li fil-grad ta'* cabin crew *hemm sebgħa u għoxrin skala, u hemm ukoll* In Flight Manager (IFM)*, u li qabel kien magħruf bħala l-*purser. *Ix-xhud ikkonferma li f'dan il-ftehim kellu "*involvement dirett u kontinwu fih" *(fn. 2 Xiehda ta' Roberto Cristiano, seduta tat-28 ta' Mejju 2019, paġna 10 tat-traskrizzjoni.)*

*Ix-xhud ikkonferma wkoll li din il-klawsola, dwar il-modalità tal-ħlas,* ossia take home pay, *tinsab imniżżla f'kull Ftehim Kollettiv li sar mal-ħaddiema kollha tal-Airmalta. Dan ix-xhud ukoll irrileva li kien hemm kontestazzjoni li saret mas-soċjetà ntimata u dan meta kien sar minn persuna li kien ħa parti fin-negozjati meta kien qiegħed jirrappreżenta lill-UCC, u li addirittura kien firmatarju fil-Ftehim Kollettiv. Din il-kontestazzjoni kien qiegħed jagħmilha ndividwalment. Ix-xhud sostna li dan kien il-każ ta' ċertu Melvin Vassallo (fn. 3 Ibid, paġna 17 tat-traskrizzjoni).*

*Ix-xhud, Roberto Cristiano kompla jelabora fuq il-mod kif tinħadem is-sistema ta'* take home pay, *u dan sostna li din ssir billi tiġi kkalkulta xi jkun qala' ħaddiem fis-snin 2014, 2015, 2016 u 2017, u tieħu l-aħjar sena minnhom. Jekk il-bilanċ ikun fin-negattiv u ċioe' għax ħaddiem ikun qala' anqas minn dawk is-snin imsemmija, f'dik is-sena, issir* top up *ta' elf Ewro (€1,000). Dan il-ftehim kien simili għal dak tal-piloti. Dan ix-xhud sostna wkoll li kien hemm sitwazzjoni fejn kien hemm ħaddiema tal-*cabin crew *li kienu lesti li jitħallsu biss il-paga bażika (*basic pay). *Ix-xhud saħaq li dan kien abbuż u dan kien qiegħed iseħħ billi persuna kienet tgħaddi l-*flights *tagħha lill-ħaddiem/a ieħor jew oħra.*

*Min kien jaħdem dak il-*flight *kien jitħallas aktar fil-paga. Din kienet sitwazzjoni il-ħaddiema kellhom opportunità li jaħdmu aktar u kien hemm opportunità li ma jaħdmux ukoll. Dan l-abbuz, isostni dan ix-xhud, is-soċjetà ntimata riedet li teliminah. Is-soċjetà ntimata riedet li tiżdied il-produttivitàu kif ukoll l-effiċjenza, mhux li kien hemm ħaddiema li kienu qegħdin ineħħu il-*flights *tagħhom u jaħdmu ħaddiema oħra minflokhom (fn. 4 Ibid, pagna 22 tat-traskrizzjoni.)*

*Dan ix-xhud sostna wkoll li dan il-Ftehim Kollettiv jispiċċa fis-sena 2022. Ix-xhud saħaq ukoll li l-ftehim li kien hemm mal-Gvern kien parti mill-Ftehim Kolletiv u mhux* gentlemen's agreement. *Dan il-ftehim mall-Gvern kien jorbot, dan sar bejn is-soċjetà ntimata, l-azzjonisti (*shareholders) *u kif ukoll il-Union (UCC). Dwar il-prinċpju tal-*equal pay for work value, *hu prinċipju fejn ħaddiem jaħdem l-istess u jaħdem l-istess ħaga.*

*Ix-xhud, Robert Cristiano, semma ukoll li kienu ħadmu mekkanizmu fejn min kien bir-*reduced hours *u kif ukoll bil-leave tal-maternità ma kienx jiġi/tiġi penalizzat/a, iżda issir kumpens tal-perijodu li dik il-persuna tkun għamlet barra. Dan kien isir billi kien jittieħed dak il-perijodu li tkun għamlet barra kien ikollha komputazzjoni anqas minn min ħadem ikun ħadem dak il-perijodu (fn. 5 Ibid, pagna 26 tat-traskrizzjoni).*

*Inoltre, dan ix-xhud ikkonferma li sa dakinhar ma kienx hemm kwistjonijiet ta' xogħol li kienu qegħdin jigu attakkati Ftehimiet Kollettivi oħra. Is-soċjetà ntimata, Airmalta plc permezz ta' nota ppreżentat l-estimi tal-ogħla* take home pay *fil-kategoriji varji tal-ħaddiema tal-*cabin crew, *u dan kif kien ġie lilu mitlub fis-seduta tat-28 ta' Mejju 2019 (fn. 6 Nota ppreżentata mis-soċjetà ntimata, Airmalta plc fil-11 ta' Lulju 2019).*

*Mix-xiehda ta' wieħed mir-rikorrenti, Jonathan Micallef, irriżulta b'liema mod kienu qegħdin jaħdmu l-ħaddiema tal-*cabin crew *b'dan il-Ftehim Kollettiv. Dan ix-xhud daħal fid-dettal tal-modalità tas-sigħat li jaħdmu l-*cabin crew *u kif ukoll IFM (In Flight Managers), billi spjega d-dokumenti li ġew ippreżentati, ossia Dok. 'PM1' sa Dok. 'PM8' (fn. 7 Xiehda ta' Jonathan Micallef, seduta tal-4 ta' Frar, 2020, paġna 1 tat-traskrizzjoni).*

*Ix-xhud sostna li n-numru ta' ammont ta' sigħat li ħadmu kienu jiġu kkalkulati mill-istess kumpannija, ossia Airmalta plc. Ix-xhud fisser li kienet tittieħed l-aħjar sena u fuq dik is-sena kien jiġi bbażat it-*take home pay. *Ix-xhud jagħmel referenza għad-dokument li l-uffiċjal tas-soċjetà ntimata, Roberto Cristiano ppreżenta, u li huwa eżerċizzju dwar il-modalità tal-ħlas tal-impjegati tal-*cabin crew *(fn. 8 Id-dokument li ġie ppreżentat permezz ta' nota tal-11 ta' Lulju 2019).*

*Ix-xhud, bħala eżempju semma sitwazzjoni fejn impjegat fuq skala għaxra għandu* take home pay *aktar minn impjegat fl-istess skala. Inoltre, dan ix-xhud isemmi wkoll*

*dawk l-impjegati li huma fuq impjieg fiss iżda qegħdin fuq sigħat ridotti (*reduced hours).

*Ix-xhud jisħaq li mpjegat* full time *meta jkun hemm tnaqqis ikun hemm* top up *ta' €1,000, u dan isir billi l-impjegat jagħżel l-aħjar sena bejn is-snin 2014 u l-2017. Dan jirriżulta mill-Ftehim Kollettiv li jistipula li mpjegat ikollu €1,000 aktar mill-aħjar sena ta'* take home pay *(fn. 9 Xiehda ta' Jonathan Micallef, seduta tal-4 ta' Frar 2020, pagna 7 tat-traskrizzjoni)*

*Illi kif ikkonferma dan ix-xhud din kienet għażla esklussiva tal-impjegat/a li jagħżel liema hi l-aħjar sena minn dawk is-snin imsemmija sabiex jieħu it-*take home pay. *Ix-xhud irrileva li jekk impjegat ikollu s-sena 2015, u dan bħala eżempju, mis-sena 2016 jew 2017, dan jagħżel is-sena 2015 bħala l-aħjar sena għat-*take home pay. *Ix-xhud isemmi li hemm diskrepanzi meta wieħed iqabbel skali ta' mpjegati li huma fi skali anqas, u li għandhom paga aktar minn impjegati li għandhom skali aktar minnhom. Ix-xhud jagħti bħala eżempju paga ta' €49,000 circa u paga ta' €38,000, fejn hemm ħdax-il elf Ewro (€11,000) diskrepanza bejn skali l-istess jew addirittura skali anqas.*

*Dan ix-xhud fix-xiehda tiegħu testwalment jgħid:* "Kif kont qed ngħid the difference, top up difference compared to maximum jiġifieri d-diskrepanza bejn dawn l-individwi li qegħdin fuq l-istess skala kemm hi f'dak il-każ ħdax-il elf u tmienja u sittin ewro u ħamsa u tletin ċenteżmu jiġifieri dawn għalkemm qegħdin fuq l-istess skala jew terġa' min għandu t-take home pay u qiegħed fuq skala inqas qed jieħu ħdax-il elf ewro u tmienja u sittin, ħdax-il elf u tmienja u sittin ewro inqas mill-ieħor jew iktar f'dak il-każ (fn. *10 Ibid, paġna 11 tat-traskrizzjoni)".*

*Ix-xhud, Jonathan Micallef sostna li dik id-diskrepanza hi ta' sena waħda, u li s-sena ta' wara la dak l-impjegat/a ikun jew tkun laħqet it-*take home pay *fl-ammont ta' €38,151, u għalhekk dak l-impjegat/a ikun ħa/ħadet dak li kellu jieħu għal dik is-sena. Dan ix-xhud kompla jispjega li jekk l-impjegati tal-*cabin crew *ikunu ħadmu seba' mitt siegħa, jew tmien mitt siegħa ma kinux jitħallsu u dan għax ikunu laħqu t-*take home pay. *Ix-xhud isostni li din hi diskriminazzjoni doppja, u dan għaliex mhux talli hemm diskrepanza bejn ħaddiema fuq l-istess skala jew addirittura skala anqas, iżda min jaħdem aktar sigħat lanqas ħa jieħu t-*top up *u ċioe' l-€1,000. Tieħu €38,151 u tieqaf hemm. Hemm ukoll sitwazzjonijiet, spjega dan ix-xhud, fejn kien hemm min ħa €40,000 bħala l-aħjar* take home pay.

*Ir-rikorrenti ntavolaw rikors fit-28 ta' Settembru 2020 fejn filwaqt li ddikjaraw li -pożizzjoni tagħhom hija l-istess, talbu korrezzjoni lil dan it-Tribunal fir-rikors promotur u fl-atti l-oħrajn kollha relattivi u sussegwenti sabiex kull referenza għall-Ftehim*

*Kollettiv tas-6 ta' Diċembru 2017 għandha tirreferi ukoll għall-emenda relattiva għall-istess Ftehim Kollettiv tat-28 ta' Mejju 2020.*

*F'dawn il-proċeduri ta' din il-kwistjoni ta' xogħol xehed ukoll James Genovese, li f'dak il-perijodu kien jokkupa l-kariga ta'* Chief Human Resources Officer *fi ħdan is-soċjetà ntimata, Airmalta plc. Dan ix-xhud ukoll spjega l-punti saljenti tal-Ftehim Kollettiv tal-2017 u kif ukoll spjega l-emenda li saret fit-28 ta' Mejju 2020 għal dan il-Ftehim Kollettiv. Ix-xhud spjega bil-problemi li ġabet magħha l-pandemija tal-COVID-19 u l-problemi li kellha tiffaċċa s-soċjetà ntimata.*

*Dan ix-xhud sostna li kien hemm emendi li affettwaw il-Ftehim Kollettiv li kien hemm qabel, ossia dak tal-2017. Ix-xhud qal li issa it-*top up *kien spiċċa u dan minħabba ċ-ċirkostanzi tal-pandemija. Ix-xhud qal li peress li l-arjuplani ma kinux qegħdin jadmu, għax kienu* grounded, *u li meta kienu jaħdmu s-soċjetà ntimata kienet ħarġet madwar €600,000 fuq l-impjegati tagħha, li kienu madwar mija u wieħed (101), ossia impjegati tal-*cabin crew. *Dan sar sabiex ma jkunx hemm sensji (*redundancies).

*Ix-xhud ikkonferma li r-rikorrenti kienu jaqgħu taħt kategorija 'A'. Dawn huma kollha l-impjegati tal-*cabin crew *li kienu jaqgħu bit-*take home pay. *L-impjegati l-oħra ma kinux jaqgħu bit-*take home pay *u dawn kien jaqgħu taħt kategorija 'B'. Ix-xhud sostna li kulħadd kien jieħu* social pay *fl-ammont ta' €1,200 fix-xahar, li kienet COVID-19* allownace *(fn. 11 Seduta tas-17 ta' Novembru 2020, xiehda ta' James Genovese, pagna 11 tat-traskrizzjoni).*

*Mill-banda l-oħra, sostna dan ix-xhud, min kien jaħdem aktar titjiriet kien jitħallas id-differenza skont kemm kien jaħdem/taħdem. Is-sur Genovese saħaq li dan kien sar sabiex ma jsirx abbuż minn ċerti mpjegati bl-ammonti ta' titjiriet* (flights) *li kien ikollhom. Dan kien isir billi kien hemm min kien jibdel il-*flights *mal-ġranet li jkun mhux xogħol, ossia ma'* off day.

*Ix-xhud sostna li s-soċjetà ntimata kienet ippermetiet li jinbidlu biss titjira ma' titjira (*"flight with flight") *li huma l-istess. L-impjegati tal-*cabin crew *ma setgħux ibiddlu titjira ta' Katanja ma' dik ta' Londra. U dan għax it-titjira ta' Katanja hi ta' nofs siegħa, mentri dik ta' Londra hija ta' tlett sigħat, u lanqas ma tibdel ma' gurnata* off *(fn. 12 Ibid, paġna 14 tat-traskrizzjoni).*

*Dan ix-xhud saħaq li qabel għamlu l-emendi fil-Ftehim Kollettiv impjegati tal-*cabin crew *setgħu joqgħodu id-dar u jieħdu bħala* take home pay *€35,000 fl-aħħar tas-sena, u dan billi jaħdmu mill-anqas. Kien hawn li meta s-soċjetà ntimata ppruvat twaqqaf din is-sitwazzjoni kienet inqgħalet tilwima mal-Union. Ix-xhud irrileva li qabel ir-*roster *kien b'*ratio *ta' 3:2:1 u li issa kienu kollha 1:1 u għalhekk kulħadd l-istess. Dan kien sar minħabba l-abbuż fejn kienu jbiddlu t-titjiriet.*

*Fl-istess seduta wieħed mir-rikorrenti, ossia Jonathan Micallef, iċċara xi punti dwar dak li kien xeħed fuqu x-xhud, James Genovese. Is-sur Micallef sostna li kien proprju dan li kienu qegħdin jikkontestaw, l-abbuż fejn kien hemm min kien ikollu* take home pay *ta' €40,000 fis-sena u li jkun fuq l-istess skala ta' mpjegati li jkunu ħadu bħala* take home pay *ta' €30,000, u dan meta dak li jkun ħa €40,000 ikun ħadem ħames mitt siegħa, mentri dak li jkun ħa €30,000 jkun ħadem sitt mitt siegħa. Dan ix-xhud saħaq li dan l-abbuż kien isir għax il-Ftehim Kollettiv kien jippermetti li jsir hekk.*

*Dan ix-xhud qal ukoll li l-emendi li saru għall-Ftehim Kollettiv dwar is-*social pay *minħabba l-COVID-19 ma saritx sew, u dan għax din setgħet saret billi mpjegat kien jingħata* "percentage pay cut". *Ix-xhud kompla jispjega li mpjegat li kien jaħdem żewġ titjiriet u ieħor li kien jaħdem sebgħa fl-aħħar tax-xahar kienu jieħdu l-istess, ossia elf u mitejn Ewro (€1,200). Ix-xhud irrimarka li din kienet diskriminazzjoni fejn jidħol* equal work for equal pay *(fn. 13 Seduta tas-17 ta' Novembru 2020, xiehda ta' Jonathan Micellef, pagna 27 tat-traskrizzjoni).*

*Ix-xhud, Jonathan Micallef, sostna li mpjegat ta' kategorija 'A' ma kienx qiegħed jieħu l-istess ammont ta'* take home pay. Duty, *saħaq dan ix-xhud huwa kemm titjira (*flight) *u kif ukoll meta tkun* stand by. *Dawn huma* duties *għall-impjeat tal-*cabin crew*, jekk impjegat jingħata għaxar titjiriet, u ċioe' għaxar* duties, *hemmhekk ir-*ratio *ikun intlaħaq, iżda li mpjegat dak li jkun qiegħed jirċievi bħala ħlas ikun differenti. Dan ix-xhud spjega kif taħdem din is-sistema, fejn qal: "*Jigifieri li hemm min f'kategorija A, fl-istess kategorija wieħed jingħata seba' stand bys, bniedem li qiegħed fl-istess kategorija jingħata seba' flights mela ħa jitħallas tagħhom u għall-kumpannija sodisfatta illi jingħataw l-istess ammont ta' duties imma fil-verità dak li tkun qed taqla' fl-aħħar xahar ħa jkun ferm differenti *(fn. 14 Ibid, pagna 28 tat-traskrizzjoni)*

*Dan it-Tribunal wara li ħa in konsiderazzjoni dak li xehdu x-xhieda kollha f'din il-kwistjoni ta' xogħol, u kif ukoll tal-affidavits kollha ppreżentati, dan it-Tribunal qiegħed jagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:-*

*Illi l-bidu ta' din il-kwistjoni ta' xogħol hu riżultat ta' Ftehim Kollettiv datat is-6 ta' Diċembru 2017, li sar bejn is-soċjetà ntimata, Airmalta plc, u l-Union intimata, Union of Cabin Crew, fejn issottoskrivew kundizzjoni li skont ir-rikorrenti hi diskriminatorja kemm diretta u kemm indiretta. Ir-rikorrenti qegħdin jargumentaw li dan il-Ftehim Kollettiv imur kontra l-principju tal-*equal pay for equal work, *liema prinċipju hu sanċit fil-liġi tal-Unjoni Ewropea. Inoltre, is-soċjetà ntimata qiegħda tuża parametri u kriterji ta' snin precedenti, ossia mis-sena 2014 sas-sena 2017, u dan sabiex tiġi determinata l-paga preżenti tar-rikorrenti lilhom dovuta, u dan irrispettivament mix-xogħol li l-istess rikorrenti wettqu preżentement.*

*Illi jirrizulta ċar mill-provi prodotti f'din il-kwistjoni ta' xogħol li s-soċjetà ntimata riedet li tikkontrolla ċerti abbużi li kien qiegħdin isiru mill-membri tal-*cabin crew, *u dan billi kien hemm min kien qiegħed jibdel it-titjira li tkun assenjata lilu/lilha ma' membru tal-*cabin crew *li jkun bil-ġurnata franka (*off day). *Dak jew dik il-membru tal-*cabin crew *li kien/et jibdel/tibdel ma' ġurnata franka kienet qiegħda titħallas daqs li kieku ħadem jew ħadmet dik it-titjira.*

*Kien proprju għalhekk li s-soċjetà ntimata, Airmalta plc fetħet negozjati sabiex dan l-abbuż jiġi kkontrollat u dan sar flimkien mal-intimata l-oħra, Union of Cabin Crew. Il-Ftehim Kollettiv tal-2017 għandu kondizzjoni li tistipula s-segwenti: -*

The five (5) years covered by this Collective Agreement, commencing on 1st January, 2018, are subject to a minimum increase of one thousand euro (€1,000) in take home-pay when compared to the best year as chosen by the employee for the period 2014, 2015, 2016, and 2017 as stipulated in the Agreement dated 24th August 2016 (appendix A) and applicable to employees in employment at the date of signing of this Agreement but excluding part-time employees. If in any year, the employee will not reach the best year threshold plus one thousand euro (€1,000), the minimum increase threshold mechanism will apply. A corrective mechanism bonus consisting of the different between the actual gross earning of that particular year (2018-2022) and the best take-home added with a top-up of one thousand euro (€1,000) will be given, the said bonus will be reflected in the January following the applicable year salary.

The take home pay for reduced hours employees shall be calculated on 50% of the average of full-time employees' take home pay as long as they work two (2) flights per week *(fn. 15 Ftehim Kollettiv, Appendici X, paġna lxiv tal-istess Ftehim Kollettiv, u mmarkat Dok. 'A' mar-rikors promotur).*

*Ir-rikorrenti ħassewhom aggravati u ppreġudikati b'dan il-ftehim kollettiv u għalhekk intavolaw din il-kwistjoni ta' xogħol fejn talbu lil dan it-Tribunal sabiex:-*

1. *Jiddikjara li l-*Collective Agreement *datat 6 ta' Diċembru, 2017 u/jew partijiet mill-istess kif dettaljat hawn fuq, inklużi l-iskali ta' pagi tal-impjegati jilledi il-prinċipji ta' ugwaljanza u non-diskriminazzjoni u l-prinċipju li jeħtieġ* 'equal pay for equal work'.

2. *Jordna illi konsegwentement għas-surriferit u a tenur tal-liġi, senjatament l-art. 30 tal-Att dwar l-Impjiegi u r-relazzjonijiet Industrijali, il-*Collective Agreement *u/jew partijiet minnu huwa null u bla effett u kwindi jordna il-kanċellament tal-*Collective Agreement *u/jew ta' partijiet mill-istess.*

*3. Jillikwida wkoll a tenur tal-istess art. 30 tal-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali dak il-kumpens dovut lill-esponenti jew min minnhom in vista ta' tali ksur.*

*Jordna lill-intimati jew min minnhom iħallsu lill-esponenti il-kumpens likwidat skont it-tielet talba (fn. 16 It-Talbiet fir-Rikors promotur tar-rikorrenti).*

*Illi dan it-Tribunal eżamina* funditus *artikolu 30 tal-Kap 452, liema artikolu jistipula:-*

30.(1) Persuna li tallega li l-prinċipal ikun kiser, jew li l-kondizzjonijiet tal-impieg ikunu jiksru, d-disposizzjonijiet tal-artikoli 26, 27, 28 jew 29 tista', fi żmien erba' xhur mill-ksur allegat, tippreżenta lment quddiem it-Tribunal Industrijali u t-Tribunal Industrijali għandu jisma' dak l-ilment u jwettaq dawk l-investigazzjonijiet li jqis xierqa.

(2) Jekk it-Tribunal Industrijali jkun soddisfatt li l-ilment jkun ġustifikat, hu jkun jista' jieħu dawk il-miżuri li jidhirlu xierqa inkluż il-kanċellament ta' kull kuntratt ta' servizz jew ta' kull klawsola fil-kuntratt jew fi ftehim kollettiv li tkun diskriminatorja, u għandu jordna l-ħlas ta' kumpens għat-telf u dannu li tkun sofriet il-parti aggravata bħala konsegwenza tal-ksur (fn. 17 Artikolu 30 tal-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, Kap 452, tal-Ligijiet ta' Malta).

*Dan l-artikolu 30 tal-Kap 452, jagħti poter lit-Tribunal Industrijali li jekk l-ilment ikun ġustifikat, it-Tribunal jista' jieħu dawk il-miżuri li jidhirlu xierqa, u għalhekk jista' jordna l-kanċellament ta' dik il-klawsola li tkun fil-ftehim kollettiv u li tkun ikkonsidrata li hi diskriminatorja.*

*Illi mix-xhieda kemm ta' James Genovese u kemm minn ta' wieħed mir-rikorrenti, Jonathan Micallef, ħareġ ċar li s-soċjetà ntimata bbażat it-*take home pay *fuq snin preċedenti, ossia s-snin 2014 sa 2017, u li dan kien se jiddetermina t-*take home pay *tar-rikorrenti tax-xogħol li jkunu għamlu wara dawn is-snin, preċiżament sas-sena 2022. Inoltre, minħabba l-pandemija tal-COVID-19 dan il-Ftehim Kollettiv ġie emendat u dan sabiex ma jkunx hemm sensji (*redundancies). *Għal din ir-raġuni sar qbil bejn il-partijiet kollha nteressati li jkun hemm* social pay *ta' €1,200 lill-impjegati tas-soċjetà ntimata Airmalta plc.*

*Inoltre, r-rikorrenti qegħdin ukoll jillanjaw fuq il-fatt li huma ġew soġġettati għal trattament diskriminatorju fir-rigward tal-impjieg tagħhom, u dan a tenur ta' artikolu 26 tal-Kap 452. Dan l-artikolu jinsab f'Taqsima IV bit-titolu Protezzjoni kontra Diskriminazzjoni Relatata mal-Impjieg. Dan l-artikolu jistipula:-*

26.(1) Ħadd ma jista' –

(a) fil-waqt li jagħmel reklam jew joffri impieg jew fil-waqt li joffri opportunitajiet ta' impieg jew meta jiġi għall-għażla ta' applikanti għal impieg, jassoġġetta xi applikant għal impieg jew xi klassi ta' applikanti għal impieg għal trattament diskriminatorju;

(b) rigward impjegati li huma diġà fl-impieg tal-prinċipal, jassoġġetta dawk l-impjegati jew xi klassi ta' impjegati għal trattament diskriminatorju, fir-rigward ta' kondizzjonijiet ta' impieg jew tkeċċija.

(2) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, trattament diskriminatorju jinkludi:

(a) l-impieg jew l-għażla ta' persuna li tkun anqas kwalifikata minn persuna tas-sess oppost, sakemm il-prinċipal ma jippruvax li l-azzjoni kienet bbażata fuq raġunijiet aċċettabbli relatati max-xorta tax-xogħol jew għal raġunijiet relatati mat-twettiq jew ma l-esperjenza ta' xogħol magħmul qabel;

(b) azzjonijiet li jgħoddu għal impjegat, termini ta' ħlasijiet jew kondizzjonijiet ta' impieg li huma anqas favorevoli minn dawk li jgħoddu għal impjegat fl-istess xogħol jew xogħol ta' valur ugwali, abbażi ta' trattament discriminatorju;

(ċ) azzjonijiet li bihom il-prinċipal xjentement jimmaniġġa x-xogħol, iqassam il-biċċiet ta' xogħol jew mod ieħor jirranġa l-kondizzjonijiet tax-xogħol hekk li impjegat ikun assenjat status li manifestamentikun anqas favorevoli minn oħrajn abbażi ta' trattament diskriminatorju

(3) Id-disposizzjonijiet tas-subartikoli (1) u (2) għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għad-drittijiet u obbligi preskritti fl-Att dwar Opportunitajiet indaqs għal Persuni b'Diżabilità, u ma għandhomx jgħoddu għal kull preferenza jew esklużjoni li tkun raġonevolment ġustifikata meta wieħed iqis ix-xorta ta' pożizzjoni battala li għandha timtela' jew l-impieg offrut, jew fejn karatteristika meħtieġa tikkostitwixxi ħtieġa ġenwina determinanti dwar ix-xogħol jew fejn il-ħtiġiet huma stabbiliti minn liġijiet jew regolamenti applikabbli.

(4) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, il-kliem "joffri impieg" jinkludi r-reklutaġġ jew it-taħriġ ta' kull persuna bil-ħsieb li dik il-persuna tiġi mpjegata, u għar-rigward ta' persuna li tkun diġà qed taħdem, tinkludi ukoll l-promozzjoni għal grad ogħla jew l-impieg fi klassi differenti ta' xogħol (fn. 18 Artikolu 26 tal-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, Kap. 452, tal-Ligijiet ta' Malta.)

*Dan l-artikolu jittratta diskriminazzjoni u ugwaljanza bejn is-sessi, u li r-rikorrenti li jammontaw b'kollox għal tlieta u tletin (33) fil-maġġior parti tagħhom huma nisa, b'total ta' wieħed u għoxrin (21) mara. Inoltre, għandu jiġi ritenut ukoll li kien hemm*

*disa' (9) ċessjonijiet f'din il-kwistjoni ta' xogħol u li sitta (6) minn dawk li ċedew din il-kwistjoni ta' xogħol kienu nisa.*

*Ir-rikorrenti jagħmlu wkoll referenza għall-artikolu 27 tal-Kap. 452, liema artikolu jittratta xogħol ta' valur ugwali. Dan l-artikolu jistipula:-*

> *27*. Impjegati fl-istess klassi ta' impieg għandhom id-dritt għall-istess rata ta' rimunerazzjoni għal xogħol ta' valur ugwali: B'dan illi prinċipal u ħaddiem jew union ta' ħaddiema b'riżultat ta' negozjati għal ftehim kollettiv jistgħu jiftiehmu dwar skali ta' salarji, żidiet annwali u kundizzjonijiet ta' xogħol oħra differenti għal ħaddiema li jkunu impjegati fi żminijiet differenti, liema skali jkollhom massimu li jintlaħaq wara żmien stabbilit; u B'dan ukoll illi kull distinzjoni bejn klassijiet ta' impieg ibbażata fuq trattament diskriminatorju mod ieħor milli skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att jew xi liġi oħra tkun nulla u bla effett (fn. 19 Artikolu 27 tal-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, Kap 452, tal-Liġijiet ta' Malta)

*Dan it-Tribunal ukoll ra dawn l-artikoli li jittrattaw dwar id-diskriminazzjoni u ugwaljanza bejn is-sessi, u kif ukoll xogħol ta' valur ugwali. F'dan ir-rigward issir referenza ukoll għad-Direttiva 2006/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Din id-Direttiva tittratta dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs u ta' trattament ugwali tal-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' mpjiegi u xogħol (tfassil mill-ġdid). Il-maġġior tar-rikorrenti huma nisa, u kif jirriżulta bl-aktar mod ċar mill-atti ta' din il-kwistjoni ta' xogħol u mill-affidavits tagħhom, ir-rikorrenti spjegaw il-problemi li kienu għaddejjin minnhom matul il-perijodu li sar dan il-Ftehim Kollettiv tal-2017. Dawn ir-rikorrenti fl-affiavits tagħhom sostnew li fis-snin 2014 sa 2017 kienu għaddejjin minn żmien diffiċli, u għalhekk kellhom jaħdmu anqas minn dak li kienu jaħdmu s-soltu, u dan kaġun ta' dawn il-problemi li kienu għaddejjin minnhom f'dak il-perijodu.*

*Uħud minn dawn ir-rikorrenti kienu fuq leave tal-maternità, oħrajn kellhom problemi ta' saħħa, kemm huma stess jew membri tal-familja tagħhom, u minħabba f'hekk ma ħadmux kemm xtaqu li jaħdmu. Hu proprju għalhekk li l-*corrective mechanism *jiddiskrimina ma' dawn ir-rikorrenti, u li fil-perijodu ta' bejn 2014 u 2017 dawn ir-rikorrenti ma setgħux ikunu bħal impjegati oħra, u dan għax f'dan il-perijodu huma ħadmu anqas. Dawn l-impjegati ma setgħux jagħżlu l-aħjar sena ta' paga ta' bejn l-2014 u l-2017, u għalhekk il-paga tagħhom ġiet regolata bil-*corrective mechanism *ta' 50%* take home pay *tal-impjegati medji* full time.

*Dan il-prinċipju hu ben assodat fil-ġurisprudenza Ewropea fejn l-awtur Brian Bercusson isostni:-*

A definitive step towards formal recognition of collective agreements was taken in Commission of the European Communities v Kingdom of Denmark.

In that case, the Danish government's position was explicitly that collective agreements were its choice of form and method for implementation of the obligations of Council Directive 75/117 on equal pay. It was argued that the Danish legislation was but secondary guarantee of the equality principle in the event that this principle was not guaranteed by collective agreements ...

The Court held:

That Member States may leave the implementation of the principle of equal pay in the first instance to representatives of management and labour. That possibility does not, however, discharge them from the obligations of ensuring by appropriate legislative and administrative provisions, that all workers in the Community are afforded the full protection provided for in the directive. That State guarantee must cover all cases where effective protection is not ensured by other means, for whatever reason, and in particular cases where the workers in question are not union members, where the sector in question is not covered by a collective agreement or where such an agreement does not fully guarantee the principle of equal pay (fn. 20 European Labour Law, 2nd Edition – Brian Bercusson – Cambridge University Press 2009, p. 453)

*Minn dan il-bran wieħed jista' jifhem l-importanza ta' dan il-principju ta'* equal pay. *Dan il-principju ilu assodat fost il-membri stati tal-Unjoni Ewropea u joħroġ ċar kemm dan il-prinċipju hu adopert mill-istess Stati Membri. Id-diskriminazzjoni qatt ma għandha tkun permessa, la diretta u lanqas indiretta. L-awtur Norman Selwyn f'dan ir-rigward jgħid:-*

4.15 A person discriminates against another if, because of a protected characteristic, he treats that other less favourably than he treats or would treat others (fn. 21 Selwyn's Law of Employment 22nd. Edition – Astra Emir, Oxford University Press (2022) – par. 4.15, p. 119).

Indirect Discrimination

4.23 A person indirectly discriminates against another if:

(a) he applies a provision, criterion or practice (PCP) which is discriminatory in relation to that other's protected characteristic;
(b) the provision, criterion or practice is applied to persons who do not share that characteristic and puts or would put persons who do share that

characteristic at a particular disadvantage compared with persons who do not share it;

(c) it puts or would put an individual with that characteristic at a disadvantage; and

(d) it cannot be shown that it is a proportionate means of achieving a legitimate aim (fn. 22 Ibid – par. 4.23, p 122)

*Illi l-istess għamel il-leġislatur Malti fejn permezz tal-leġislazzjonijiet f'dan ir-rigward ra kif għandu joħloq mekkaniżmi li jipprojbixxu d-diskriminazzjoni. Regolamenti dwar Trattament Ugwali fl-Impjiegi (Leġislazzjoni Sussidjarja 452.95) hija ntiża proprju għalhekk. Regolament 10(3) ta' din il-Leġislazzjoni Sussidjarja jistipula bl-aktar mod ċar li huwa l-konvenut, u f'dawn iċ-ċirkostanzi odjerni, s-soċjetà ntimata, li trid tipprova li l-prinċipju tal-ugwaljanza ma jiġix vjolat waqt is-smigħ tal-ilment. Regolament 10 (3) tar-Regolamenti dwar Trattament Ugwali fl-Impjiegi (Legislazzjoni Sussidjarja 452.95) jistipula s-segwenti:-*

(3) Fil-proċeduri kollha msemmija fis-subregolamenti (1) u (2), meta persuni li jikkunsidraw lilhom infushom milquta ħażin minħabba li l-prinċipju tal-ugwaljanza fit-trattament ma jkunx ġie applikat lilhom jistabbilixxu, quddiem il-Qorti jew it-Tribunal Industrijali, fatti li minnhom wieħed jista' jippresumi li kien hemm xi diskriminazzjoni diretta jew indiretta, il-konvenut irid jipprova li ma kien hemm ebda ksur tal-prinċipju tal-ugwaljanza fit-trattament matul is-smigħ tal-ilment, u l-Qorti jew it-Tribunal Industrijali għandu jilqa' l-ilment jekk il-konvenut ma jippruvax li huwa ma jkunx ikkommetta dak l-att illegali.

*In oltre, l-ġurisprudenza nostrana wkoll tikkonsidra dawn l-istanti fejn meta kien hemm ftehim kollettiv li rriżulta li kien jiddiskrimina mal-impjegati speċjalment li kienu fl-istess skali, ddeċidiet favur l-impjegati, u dan propju għax id-diskriminazzjoni mhux aċċettabbli. Fid-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Appell mill-Onorevoli Mħallef Lawrence Mintoff, din l-Onorabbli Qorti rriteniet s-segwenti:-*

Fil-każ odjern jirriżulta li la l-ħaddiema nfushom u lanqas l-union li tirrappreżentahom, ma kienu jafu u wisq inqas qablu li ħaddiema li daħlu fl-impjieg tal-kumpannija wara l-2005 kienu qed jitħallsu rata ta' paga li kienet inqas minn dik li kienu jirċievu ħaddiema li kienu ilhom ingaġġati mal-kumpannija minn qabel l-2005. Il-Qorti tqis li t-Tribunal għamel eżerċizzju korrett, għalkemm dan huwa l-mertu u jirriżulta mill-fatti, fejn ddetermina li l-appellati ma setgħu qatt jilħqu l-massimu tas-salarju li kienu qegħdin jirċievu ħaddiema oħra tal-kumpannija fl-istess grad u għall-istess xogħol, u huwa għalhekk li t-Tribunal iddeċieda li s-soċjetà appellanta ma kinitx qiegħda taqdi

> l-obbligi legali tagħha fil-konfront tal-appellati. Il-Qorti tqis li mhuwiex ġust li s-soċjetà appellanta tinvoka l-applikazzjoni tal-artikolu 27 tal-Kap. 452 favur tagħha, għaliex f'dan il-każ la kien hemm l-għarfien tal-ħaddiema jew tar-rappreżentanti tagħhom għal dawn id-diskrepanzi, u lanqas ma kien hemm il-possibilità li l-appellati xi darba jaslu li jieħdu l-ogħla skala tas-salarju li kienu qegħdin jieħdu ħaddiema oħra fl-istess grad. Għaldaqstant tqis li anke dan l-aggravju mhuwiex ġustifikat, u tiċħdu (fn. 23 Qorti tal-Appell (Sede inferjuri) – Onorevoli Lawrence Mintoff, Seduta tal-24 ta' Mejju, 2023 – Appell Inferjuri Numru 141/2022 LM, fl-ismijiet, Mildred Marmarà u Yvonne Penza ('l-appellati') vs The Nuance Group (Malta) Ltd (C 2872) ('is-soċjetà appellanta'), paġna 24 tad-deċiżjoni)

*Dan it-Tribunal iqis li l-mod kif sar il-Ftehim Kollettiv tas-6 ta' Diċembru 2017 joħloq diskriminazzjoni bejn imjegati li huma fl-istess skali, u kif ukoll addirittura jiddiskrimina bejn impjegati fi skali inqas, u dan stante li dawk fi skali inqas kienu qegħdin jitħallsu aktar minn impjegati li huma fi skali akbar minnhom.*

*Inoltre, t-Tribunal ukoll hu tal-fehma li saret diskriminazzjoni ma' dawk l-impjegati li kienu qeghdin jaħdmu b'sigħat ridotti fis-snin 2014 sa 2017 u dan minħabba problemi familjari, jew gravidanzi. Mill-banda l-oħra t-Tribunal jifhem ukoll li fil-perijodu li dan il-Ftehim Kollettiv kien* in vigore, *ossia operattiv, faqqgħet il-pandemija tal-COVID-19, u kif ġara madwar id-dinja kollha ħalliet impatt negattiv fuq l-attività ekonomika dinjija. Is-soċjetà ntimata ma kinietx eċċezzjoni għal dan u sabiex jiġu evitati diversi sensji addottat il-paga soċjali (*social pay*) fl-ammont ta' €1,200 fix-xahar. It-Tribunal se jikkonsidra dan kollu meta jiġi sabiex jikkomputa l-kumpens li r-rikorrenti għandhom jieħdu.*

*Dwar il-problemi li nqagħlu minħabba l-pandemija tal-COVID-19 dan it-Tribunal jagħmel referenza għal sekmi li ġew addottati f'pajjiżi esteri, fosthom fl-Ingilterra, li kienet daħlet* Coronavirus Job Rentiontion Scheme. *Fuq din l-iskema l-awtur Norman Selwyn isostni:-*

> 7.140 In April 2020, the Coronavirus pandemic led to the introduction of the Coronavirus Job Retention Scheme, more commonly known as the 'furlough scheme'. This was intended to reduce the number of redundancies that employees would have to make, allowing employers to put employees on temporary leave and claim a percentage of their salaries back from the public purse.
>
> 7.141 The scheme which applied only to employees who are on the payroll, arose from a series of complicated Coronavirus Regulations and Directions. It ran from

> March 2020 to September 2021 and was rolled out in several stages as the pandemic progressed (fn. 24 Selwyn's Law of Employment 22nd Edition – Astra Emir, Oxford University press (2022) – par. 7.140 u par. 7.141, p. 241.)

*Illi kif irriżulta mill-provi waqt din il-kwistjoni ta' xogħol, is-soċjetà ntimata, Airmalta plc, minħabba din il-pandemija kienet kostretta li tirriduċi l-operat tagħha għal kważi xejn. Il-maġġior parti tal-ajruplani spiċċaw ma jtirux (*grounded) *u għalhekk l-impjegati tal-*cabin crew *ma kellhomx dawk is-sigħat li kienu jaħdmu qabel. It-Tribunal iqis li dan il-perijodu tal-pandemija ma għandux jittieħed in konsiderazzjoni għall-komputazzjoni tal-kumpens, u dan stante l-fatt li dan il-perijodu xorta kien se jkollu mpatt negattiv fuq l-introjtu tal-istess impjegati, ossia r-rikorrenti.*

*L-Istat Malti permezz ta' diversi Avvizi Legali maħruġa mis-Supretendent tas-Saħħa Pubblika wkoll ra kif irażżan u jikkontrolla t-tixrid ta' din il-pandemija, u r-restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar kienu fost dawk il-miżuri li ttieħdu. Dan kollu ħalla mpatt fuq il-linja tal-ajru nazzjonali, ossia s-soċjetà ntimata, Airmalta plc.*

*Illi għalhekk bl-applikazzjoni ta' artikolu 30 tal-Kap 452 tal-Liġijiet ta' Malta dan it-Tribunal qiegħed jikkanċella dik il-parti tal-imsemmi ftehim Kollettiv tas-6 ta' Diċembru 2017 u kwindi nulla u bla effett. Artikolu 30 tal-Kap 452 jistipula:-*

> 30.(1) Persuna li tallega li l-prinċipal ikun kiser, jew li l-kondizzjonijiet tal-impieg ikunu jiksru, d-dispożizzjonijiet tal-artikoli 26, 27 28 jew 29 tista' fi żmien erba' xhur mill-ksur allegat, tippreżenta ilment quddiem it-Tribunal Industrijali u t-Tribunal Industrjali għandu jisma' dak l-ilment u jwettaq dawk l-investigazzjonijiet li jqis xierqa.
>
> (2) Jekk it-Tribunal Industrijal jkun soddisfatt li l-ilment jkun ġustifikat, hu jkun jista' jieħu dawk il-miżuri li jidhirlu xierqa inkluż il-kanċellament ta' kull kuntratt ta' servizz jew ta' kull klawsola fil-kuntratt jew fi ftehim kollettiv li tkun diskriminatorja, u għandu jordna l-ħlas ta' kumpens għat-telf u dannu li tkun sofriet il-parti aggravata bħala konsegwenza tal-ksur *(fn. 25 Artikolu 30 tal-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrjali, Kap 452, tal-Liġijiet ta' Malta).*

*Dik il-parti tal-imsemmi Ftehim Kollettiv li dan it-Tribunal qiegħed jagħmel referenza għaliha hi dik ċitata għal dik il-parti li tittratta il-modalità tal-mekkaniżmu korrettiv (*corrective mechanism) *tat-*take home pay *tal-impjegati tal-*cabin crew, *u ċioe':-*

> The five (5) years covered by this Collective Agreement, commencing on 1st January, 2018, are subject to a minimum increase of one thousand euro (€1,000) in take home-pay when compared to the best year as chosen by the employee for the period 2014, 2015, 2016 and 2017 as stipulated in the Agreement dated 24th

August 2016 (Appendix A) and applicable to employees in employment at the date of signing of this Agreement but excluding part-time employees. If in any year, the employee will not reach the best year threshold plus one thousand euro (€1,000), the minimum increase threshold mechanism will apply. A corrective mechanism bonus consisting of the different between the actual gross earning of that particular year (2018-2022) and the best take-home added with a top-up of one thousand euro (€1,000) will be given, the said bonus will be reflected in the January following the applicable year salary.

The take home pay for reduced hours employees shall be calculated on 50% of the average of full-time employees' take home pay as long as they work two (2) flights per week (fn. 26 Ftehim Kollettiv tas-6 ta' Diċembru 2017, Appendici X, pagna lxiv tal-istess Ftehim Kollettiv (Agreement between Air Malta plc and the Union of Cabin Crew 1st January 2018 – 31st December 2022).

*Din il-parti għalhekk ma għandhiex titqies aktar li tagħmel parti mill-Ftehim Kollettiv datat 6 ta' Diċembru 2017. Għar-rigward tal-kumpens dan it-Tribunal se jqis iċ-ċirkostanzi ta' kull rikorrenti, u jiddetermina l-kumpens ta' dik/dak l-impjegat skont il-fattispeċi taċ-ċirkostanzi tagħha/tiegħu.*

*Illi kif irriżulta mill-affidavits tar-rikorrenti, u li ma sar l-ebda kontro-ezami mis-soċjetà ntimata, dan it-Tribunal se jibbaża l-konteġġi tiegħu dwar dak li hemm sostnut fl-affiavit ta' kull rikorrenti, u kif ukoll id-dokument Dok PM9, u kif ukoll id-dokument li jagħti l-informazzjoni dwar il-ħlasijiet tal-impjegati tal-*cabin crew *u li kien ġie ppreżentat permezz ta' nota fil-11 ta' Lulju 2019.*

*Illi dan it-Tribunal għalhekk se jistrieħ fuq dawn iż-żewġ dokumenti, u kif ukoll l-affidavits tar-rikorrenti sabiex jasal għall-komputazzjonijiet tiegħu, u dan sabiex jiddetermina dak li kull rikorrenti hu dovut bħala kumpens. Ir-rikorrenti li baqgħu għaddejjin b'din il-kwistjoni ta' xogħol, u li ma ċedewx id-drittijiet tagħhom f'din il-kwistjoni ta' xogħol huma:- Jonathan Micallef, Carmen Cuschieri, Marylise Fava, Melyvn Vassallo, Bernice Schembri Wismayer, analise Zammit, Godwin Farrugia, Audrey Borg, Vladimir Pace Frendo, Joseph Borg, Daniela Spiteri, Bernard Maniscalco, Denise Fenech, Clare Muscat, Chris Fabri, Yanika DeBono, Bernardette Gouder Valletta, Mary Mifsud, Esther Azzopardi, Josann Robertson, Joel Calleja, Lilian Mifsud, Shirley Farrugia, Charles Vincenti, Rachel Gatt, Joseph Zammit, Joanne Fenech, Chris Meli, Mark Aquilina, Marie Louise Cutajar, Victoria Seguna, Pauline Sultana, Louiselle Cauchi.*

*Dan it-Tribunal se jieħu wkoll in konsiderazzjoni, u dan kif sar aċċenn aktar 'l fuq tal-perijodu tal-pandemija tal-COVID-19 u li s-soċjetà ntimata ġiet affettwata bil-kbir b'din il-pandemija. Il-perijodu li se jittieħed inkonsiderazzjoni minn dan it-Tribunal sabiex*

*jikkomputa l-kumpens tar-rikorrenti hu bejn Jannar 2018 sa Frar 2020, u bejn April 2022 sa Diċembru 2022. Il-perijodu ta' bejn Marzu 2020 sa Marzu 2022 mhux se jiġi mittieħed in konsiderazzjoni minn dan it-Tribunal, u dan minħabba l-problemi li l-pandemija tal-COVID-19 ġabet magħha fl-imsemmi perijodu."*

## L-Appell

7. Is-soċjetà intimata ppreżentat ir-rikors tal-appell tagħha fit-3 ta' Awwissu, 2023, fejn qiegħda titlob lil din il-Qorti sabiex:

*"11.1.1. tirrevoka u tannulla d-deċiżjoni appellata tat-Tribunal Industrijali tal-25 ta' Lulju 2023 (bin-numru 2929) u minflok tilqa' l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà appellanti KM, u li għaldaqstant, ma għandu jitħallas ebda kumpens;*

*11.1.2. mingħajr preġudizzju, u kemm 'il darba l-ewwel tliet aggravji jiġu miċħuda, tvara d-deċiżjoni appellata tat-Tribunal Industrijali tal-25 ta' Lulju 2023 (bin-numru 2929), fis-sens illi tgħaddi biex tnaqqas l-ammont likwidat mit-Tribunal Industrijali inkluż għaliex it-Tribunal ordna kumpens għal applikazzjoni tal-*Corrective Mechanism Bonus *fuq perijodu ta' tliet (3) snin, meta dak il-mekkaniżmu tħaddem biss għas-snin 2018 u 2019;*

*Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat."*

Tirrileva li s-segwenti huma l-aggravji tagħha fir-rigward tad-deċiżjoni appellata:

*"5.3. L-ewwel aggravju jirrigwarda n-nuqqas tat-Tribunal li jieħu konjizzjoni ta' provi li ġew prodotti inkluż ix-xhieda ta' Noel Mercieca, li tikkuntrasta bil-bosta ma' dak li jallegaw l-appellati, u anke tikxef difetti serji fil-kalkoli tal-allegati danni li sofrew, il-ftehim bejn il-Gvern u l-UCC, minn fejn oriġina l-prinċipju tal-*Corrective Mechanism Bonus *u li KM ma kellha ebda sehem fih.*

*5.4. It-tieni aggravju jirrigwarda n-nuqqas tat-Tribunal li jieħu konjizzjoni tas-sottomissjonijiet legali magħmula minn KM, inkluż dawk imsemmija fil-paragrafi 4.3.1 sa 4.3.4 u jiskarthom mingħajr ma tingħata la kunsiderazzjoni*

*dwarhom, u wisq anqas xi raġuni għaliex qed jiġu injorati jew riġettati mit-Tribunal.*

5.5. *It-tielet aggravju jirrigwarda l-applikazzjoni żbaljata tal-liġi, senjatament (i) tar-Regolamenti, in kwantu disposizzjoni li tirriżulta f'diskriminazzjoni indiretta tkun ġustifikata (u mhux bi ksur tal-liġi) kemm 'il darba hija bażata fuq raġunijiet oġġettivi u ġustifikabbli (*proportionate means of achieving a legitimate aim), u (ii) *l-artikolu 30 tal-Kap 452, li abbażi tiegħu it-Tribunal jillibera lill-UCC minn kull responsabiltà mingħajr ebda loġika jew spjegazzjoni legali.*

5.6. *Ir-raba' u l-aħħar aggravju, li qed jitressaq mingħajr preġudizzju għat-tliet aggravji l-oħrajn, jittratta l-komputazzjoni tal-kumpens, tenut kont tal-fatt li l-* Corrective Mechanism Bonus *ġie applikat biss għas-snin 2018 u 2019 u tneħħa għal kollox fl-2020, kif ukoll id-determinazzjoni ta' tnaqqis għal negliġenza kontributorja, li ma hemm ebda kalkolu jew spjegazzjoni għalihom li wieħed jista' jirrikonċilja ma' kumpens ġust li kien ikun ħaqqhom l-appellati, kemm 'il darba din l-Onorabbli Qorti tħoss illi tassew il-ftehim kollettiv ħoloq xi diskriminazzjoni jew ksur tal-prinċipju ta'* equal pay for work of equal value."

## Ir-Risposta tal-Appell u l-Appell Inċidentali tar-rikorrenti

8. Ir-rikorrenti wieġbu fl-14 ta' Settembru, 2023, fejn qabel xejn irrilevaw li din il-Qorti għandha tinvestiga jekk l-appell tas-soċjetà ntimata huwiex qiegħed jitressaq dwar punt ta' liġi, u dan skont kif jitlob is-subartikolu 82(3) tal-Kap. 452. Dwar il-mertu tal-aggravji tas-soċjetà ntimata, ir-rikorrenti filwaqt li jispjegaw ir-raġunijiet tagħhom, jikkontendu li dawn għandhom jiġu miċħuda, u dan filwaqt li jippreżentaw appell inċidentali mill-kap tad-deċiżjoni appellata li tirrigwarda l-likwidazzjoni tad-danni li huma kienu sofrew. Huma jitolbu lil din il-Qorti sabiex:

*"...prevja dawk id-dikjarazzjonijiet u/jew ordnijiet kollha neċessarji u/jew opportuni,*

i. *fl-ewwel lok u preliminarjament tiddikjara l-appell odjern* in toto *jew in almenu* in parte *bħala irritu, null u bla effett a tenur tal-art. 82(3) tal-Kap. 452 tal-Liġijiet*

*ta' Malta u dana peress li mhuwiex bażat fuq punt ta' liġi deċiż bis-sentenza appellata;*

ii. *fit-tieni lok u mingħajr preġudizzju għas-surreferit tiċħad l-appell tas-soċjetà intimata appellanti Airmalta p.l.c. fl-intier tiegħu, tilqa' l-appell inċidentali tal-esponenti u kwindi filwaqt li tvarja s-sentenza appellata billi tillikwida favur l-esponenti rispettivi dak il-kumpens idoneu u akbar in linea ma' dak surreferit, tikkonferma għall-bqija is-sentenza appellata bħala waħda ekwa u ġusta;*

iii. *bl-ispejjeż ta' din il-proċedura kontra l-appellanti."*

**<u>Ir-risposta tal-intimata l-Union of Cabin Crew</u>**

9. L-intimata l-Union of Cabin Crew wieġbet fis-27 ta' Settembru, 2023, fejn issottomettiet li l-appell tas-soċjetà intimata u dak inċidentali tar-rikorrenti, għandhom jiġu respinti, filwaqt li tiġi kkonfermata d-deċiżjoni appellata, u dan bl-ispejjeż kontra l-appellanti.

**<u>Ir-risposta għall-appell inċidentali tas-soċjetà ntimata</u>**

10. Is-soċjetà intimata wieġbet għall-appell inċidentali tar-rikorrenti fid-19 ta' Ottubru, 2023, fejn talbet sabiex dan jiġi miċħud bl-ispejjeż kontrihom.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

11. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkonsidra l-aggravji rispettivi mressqa miż-żewġ partijiet, filwaqt li tieħu in konsiderazzjoni wkoll it-tweġibiet għall-appelli rispettivi tagħhom, u dan fid-dawl ta' dak kollu li kkonstata u ddeċieda t-Tribunal.

12. Qabel xejn il-Qorti ser tindirizza l-kwistjoni tal-allegata nullità tal-appell tas-soċjetà intimata li qiegħda tiġi ssollevata mir-rikorrenti a tenur tas-

subartikolu 82(3) tal-Kap. 452, stante li din tolqot proprju l-pedament tal-appell tagħha, li ma jkun jiswa proprju xejn fl-eventwalità li jinstab li hija korretta l-allegazzjoni magħmula mir-rikorrenti. Filwaqt li l-imsemmija rikorrenti jiċċitaw id-disposizzjonijiet tas-subartikolu 82(3) suriferit, huma jissottomettu li din il-Qorti għandha fl-ewwel lok tinvestiga jekk tassew l-imsemmi appell hux qiegħed isir fuq punt ta' liġi biss. Huma jiċċitaw dak li qalet din il-Qorti, kif diversament ippreseduta, f'kawżi oħra li hija ddeċidiet, fejn ikkunsidrat dak li jitlob l-imsemmi subartikolu tal-liġi, u jsostnu mill-ewwel minn dak li fissret fil-qasir is-soċjetà intimata dwar l-aggravji tagħha, jirriżulta li huma biss it-tielet u r-raba' aggravji tagħha li jistgħu jitqiesu li b'xi mod jittrattaw kwistjonijiet ta' natura legali. Jikkontendu li l-ewwel aggravju jittratta biss il-mod kif it-Tribunal għamel l-apprezzament tiegħu tal-provi, u t-tieni aggravju tas-soċjetà intimata huwa merament difiża tas-sottomissjonijiet tagħha, li tinsisti li ma ġewx ikkunsidrati mit-Tribunal, u li kieku ġew ikkunsidrati, kien ikun hemm deċiżjoni mod ieħor. Isostnu li anki l-kumplament tal-aggravji saru fil-konfront tal-konklużjoni li wasal għaliha t-Tribunal. Ir-rikorrenti jissottomettu li għalkemm is-soċjetà ntimata targumenta li jeżistu raġunijiet oġġettivi skont il-liġi sabiex jiġġustifikaw diskriminazzjoni fir-rata ta' rimunerazzjoni, dawn l-allegati raġunijiet jikkonsistu f'provi li ġew jew li kellhom jiġu apprezzati, fejn din il-Qorti m'għandha l-ebda kompetenza sabiex tindaħal u tiċċensura d-deċiżjoni appellata. Barra minn hekk dwar il-kalkolu tal-kumpens dovut lir-rikorrenti, huma jsostnu li dan ma jinvolvi l-ebda punt ta' dritt. L-intimata Union of Cabin Crew tissolleva l-istess kwistjoni tal-inammissibbilità tal-appell tas-soċjetà intimata, u tikkontendi li dak li kienet qiegħda titlob din mill-Qorti, kien li

jerġgħu jiġu kkunsidrati mill-ġdid il-fatti tal-każ odjern, bit-tama li hija jkollha eżitu favorevoli f'dan l-istadju tal-appell.

13. Il-Qorti tgħid li huwa tassew minnu li l-ewwel żewġ aggravji tas-soċjetà intimata ma jittrattaw l-ebda punt ta' liġi, iżda biss kwistjonijiet li jolqtu l-provi. Kif sewwa jirrilevaw ir-rikorrenti, dan huwa wisq evidenti mill-ewwel, hekk kif is-soċjetà intimata tispjega dawn iż-żewġ aggravji tagħha fil-qosor qabel ma tgħaddi sabiex tagħmel is-sottomissjonijiet tagħha fir-rigward ta' kull waħda minnhom. Fl-ewwel aggravju tagħha, is-soċjetà intimata tgħid li t-Tribunal ma ħax konjizzjoni ta' provi li ġew prodotti, u tagħmel riferiment in partikolari għax-xhieda ta' Noel Mercieca, li juru kif ġie fis-seħħ il-prinċipju tal-*Corrective Mechanism Bonus,* fejn tikkontendi li hija ma kellha l-ebda nvolviment. Hekk kif hija tkompli tfisser l-ilment tagħha, is-soċjetà ntimata ma tirrileva l-ebda punt ta' liġi li din il-Qorti hija kompetenti li tiddeċiedi dwaru skont is-subartikolu 82(3) tal-Kap. 452. Fin-nota ta' riferenzi tagħha, hija tagħmel riferiment għas-sentenza ta' din il-Qorti stess, kif diversament ippreseduta, fl-ismijiet **Veronique Amato Gauci *vs.* EMD Advisory Services Limited**[1], fejn hemmhekk ukoll qamet il-kwistjoni li t-Tribunal ma kienx ikkunsidra parti mill-provi prodotti. Din il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni d-deposizzjonijiet tal-bosta xhieda tal-partijiet rispettivi, u tagħraf li fid-deċiżjoni appellata hemm biss riferiment dirett għal uħud minnhom. Iżda tagħraf wkoll li t-Tribunal iddikjara li huwa kien *'...ħa in konsiderazzjoni dak li xehdu x-xhieda kollha f'din il-kwistjoni ta' xogħol, u kif ukoll tal-affidavits kollha ppreżentati".* Tikkunsidra li l-fatt li t-Tribunal ma semmiex kull xhud prodott u għamel riferiment għad-depożizzjoni

[1] 20.01.2017.

jew *affidavit* partikolari tiegħu, ma jfissirx li huwa ma ħax konjizzjoni tal-istess. Huwa fid-diskrezzjoni assoluta tat-Tribunal li jagħmel apprezzament tal-provi u jiddeċiedi liema minnhom għandhom iwassluh għad-deċiżjoni finali tiegħu, u hawnhekk din il-Qorti ċertament ma tistax tindaħal a tenur tas-subartikolu 82(3) tal-Kap. 452. L-istess jingħad fir-rigward tat-tieni aggravju tas-soċjetà intimata, fejn din id-darba l-ilment tagħha huwa li t-Tribunal skarta u naqas milli jikkunsidra punti ta' dritt rilevanti għall-każ in eżami mingħajr ma pprovda raġuni jew saħansitra l-iċken ġustifikazzjoni għal dan. Tikkontendi illi li kieku t-Tribunal ikkunsidrahom, id-deċiżjoni tiegħu setgħet tkun tassew differenti. Is-soċjetà intimata tgħaddi sabiex tfisser fejn hija ma kienitx qiegħda taqbel mar-rikorrenti dwar l-interpretazzjoni tal-artikolu 2 tal-Kap. 452, u anki tal-artikolu 27 tal-istess liġi, fir-rigward ta' dak li għandu jiġi mifhum li huwa l-*Corrective Mechanism Bonus* imsemmi fil-ftehim kollettiv. Is-soċjetà intimata tagħti l-interpretazzjoni tagħha dwar dak li għandu jiġi mifhum, u tressaq diversi argumenti in sostenn tal-pożizzjoni tagħha, filwaqt li tittenta tiġġustifikah b'riferiment għall-prinċipji enunċjati fis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja ċitata mir-rikorrenti, fl-ismijiet **M.L. ruzius-Wilbring v Bestuur van de Bedrijfsvereniging voor Overheidsdiensten C-102/88**. Il-Qorti tqis li l-s-sottomissjonijiet tas-soċjetà intimata għal darb'oħra ma jolqtu l-ebda punt ta' liġi, iżda huma ristretti minflok sabiex jiġġustifikaw l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tal-*Corrective Mechanism Bonus* skont il-pożizzjoni tagħha. Għalhekk il-Qorti hawnhekk ukoll ma ssib l-ebda punt ta' liġi li jista' jiġi deċiż f'dan l-istadju tal-appell.

14. Fit-tielet aggravju tagħha, is-soċjetà intimata tgħid li t-Tribunal allegatament applika ħażin il-liġi għall-każ odjern, u tgħid li dan seħħ f'żewġ

istanzi partikolari. Waħda minnhom fir-rigward tar-Regolamenti, u t-tieni waħda fejn saret interpretazzjoni tal-artikolu 30 tal-Kap. 452, u l-liberatorja tal-intimata Union of Cabin Crew. Tissottometti li hija kienet diġà ttrattat l-ewwel kwistjoni permezz tal-argumenti tagħha dwar it-tieni aggravju, u għalhekk ukoll il-Qorti tikkunsidra li ġaladarba hija diġà esprimiet ruħha, tagħmel riferiment għal dak li appena ntqal sabiex tevita kull ripetizzjoni. Għal dak li jirrigwarda r-responsabbiltà tal-intimata Union of Cabin Crew, is-soċjetà intimata hija tal-fehma li t-Tribunal għaġġel wisq meta ddikjara li hija kienet ħielsa minn kull responsabbiltà, mingħajr ma ta ebda raġuni għal dan. Tikkontendi li l-ftehim kollettiv kien sar u kellu jorbot lilha stess u l-imsemmija intimata Union of Cabin Crew, u għaldaqstant kellha tinġarr responsabbiltà ugwali għall-ftehim allegatament illeġittimu. Tkompli ssostni li jekk jiġi kkunsidrat li l-*Corrective Mechanism Bonus* inħoloq mingħajr l-involviment tagħha, sabiex imbagħad jiġi impost fuqha permezz tal-ftehim kollettiv, ir-responsabbiltà kellha tinġarr kollha kemm hi mill-intimata Union of Cabin Crew. S'hawnhekk il-Qorti tikkunsidra li s-soċjetà intimata qiegħda biss tirrileva kwistjonijiet li jolqtu l-mertu, proprju kif it-Tribunal għażel li jinterpreta r-responsabbiltà għall-allegazzjonijiet li kienu qegħdin isiru mir-rikorrenti. Is-soċjetà intimata tkompli tgħid li hemm ukoll il-kwistjoni li tressqet mill-intimata Union of Cabin Crew li l-pretensjonijiet tar-rikorrenti setgħu jitressqu biss kontra l-prinċipal, ġaladarba huma kienu qegħdin jistrieħu fuq l-artikolu 30 tal-Kap. 452. Tirrileva li skont is-subartikolu 30(4) tal-Kap. 452, l-ilment jista' jitressaq fil-konfront ta' persuni oħra li mhumiex il-prinċipal, u saħansitra jintuża t-terminu *"rispondent"* sabiex issir distinzjoni. Tgħid li dan kollu huwa msaħħaħ permezz tad-disposizzjonijiet tas-subartikolu 30(1) tal-Kap. 452, li jikkontempla żewġ ċirkostanzi fejn tista'

titressaq l-azzjoni, jiġifieri dawk fejn il-prinċipal ikun qed jikser id-disposizzjonijiet tal-artikoli 26, 27, 38 jew 29 tal-Kap. 452, u l-oħrajn fejn huma l-kundizzjonijiet tal-impjieg stess li jiksru dawk l-artikoli tal-liġi mingħajr ma huwa speċifikat minn min jinkisru jew li jinkisru mill-prinċipal, u li jinkwadra proprju fih il-każ odjern. L-intimata Union of Cabin Crew fit-tweġiba tagħha tinsisti li hija ma kellha qatt tkun parti mill-proċeduri quddiem it-Tribunal għaliex hija ma kienitx il-prinċipal tar-rikorrenti. Hija tiċċita l-artikolu 30 tal-Kap. 452, u tikkontendi li d-disposizzjonijiet huma tassew ċari fejn jipprovdu li huwa biss il-prinċipal li jista' jikser il-kundizzjonijiet ta' impjieg tal-ħaddiema, u jkun tassew ta' disservizz kbir lejn ix-xogħol siewi tal-*unions* rikonoxxuti, jekk dawn jiġu kkunsidrati bħala *'prinċipal'*. Il-Qorti tikkondividi pjenament il-ħsieb tas-soċjetà intimata. Tikkunsidra li d-disposizzjonijiet appena msemmija, jiġifieri dawk tas-subartikolu 30(4) u tas-subartikolu 30(1) tal-Kap. 452, b'mod inekwivoku jikkontemplaw li azzjoni fejn tiġi allegata diskriminazzjoni abbażi tal-kundizzjonijiet tax-xogħol, tista' ssir mill-impjegat anki kontra persuna li mhijiex il-prinċipal. Is-subartikolu 30(1) tal-Kap. 452 mill-ewwel jikkontempla sitwazzjoni fejn il-ksur ikun seħħ min-naħa tal-prinċipal, jiġifieri permezz tal-aġir tiegħu, iżda anki jikkunsidra li jistgħu jkunu l-kundizzjonijiet tax-xogħol stess li jagħtu lok għal ksur tad-disposizzjonijiet tal-artikoli 26, 27, 28 u 29 tal-istess liġi, fejn mhux biss il-prinċipal ikun responsabbli li jkun impona l-imsemmija kundizzjonijiet fuq l-impjegat tiegħu. Is-subartikolu 30(4) tal-Kap. 452 imbagħad jipprovdi li kull azzjoni li ssir kontra l-prinċipal, tkun mingħajr preġudizzju għal kull azzjoni oħra li tista' ssir taħt liġi oħra. B'hekk ma jista' jkun hemm l-ebda dubju dwar id-drittijiet tal-impjegat anki fil-konfront ta' terzi. Dan filwaqt ukoll li m'hemmx għalfejn jingħad li l-azzjoni tista' mbagħad tirnexxi biss sakemm

issir prova konvinċenti tar-responsabbiltà ta' dik il-persuna. Is-soċjetà intimata tkompli billi ssostni li jkun tassew inġust li l-liġi tiġi nterpretata li fejn hemm ftehim bejn żewġ partijiet, anki bi qbil tal-impjegati stess permezz ta' votazzjoni, ikun biss il-prinċipal li jinstab responsabbli. Is-soċjetà intimata tasal sabiex saħansitra targumenta li fil-każ odjern, hija m'għandhiex tinstab responsabbli fil-konfront tar-rikorrenti, iżda hawnhekk il-Qorti tqis li l-kwistjoni hija waħda li tolqot il-mertu, u għaldaqstant għandha tieqaf hawnhekk u ħa tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-kumplament tal-aggravju.

15. Ir-raba' aggravju tas-soċjetà intimata jittratta l-likwidazzjoni u r-responsabbiltà għad-danni kif deċiż mit-Tribunal, u tgħid li hija qiegħda tressqu mingħajr preġudizzju għat-tliet aggravji ta' qabel. Tibda billi tirrileva li t-Tribunal fid-deċiżjoni appellata, ikkunsidra li kien hemm uħud mir-rikorrenti li kienu membri tal-kumitat eżekuttiv tal-intimata Union of Cabin Crew meta kienu saru n-negozjati dwar il-ftehim kollettiv, u dan kien ġie approvat mill-maġġoranza tal-membri tagħha, u għaldaqstant iddeċieda li mill-kumpens kellu jsir tnaqqis ta' 20% rappreżentanti negliġenza kontributorja. Filwaqt li telenka diversi fatturi li fil-fehma tagħha kellhom jiġu kkunsidrati hawnhekk mit-Tribunal, tikkontendi li dawn kellhom iwasslu għal tnaqqis ferm ogħla minn dak stabbilit ta' 20%. Il-Qorti tgħid li dan kollu jittratta biss il-mertu u d-diskrezzjoni li wera t-Tribunal fil-konfront tal-fatti riżultanti mill-provi. Għaldaqstant hija prekluża milli tikkunsidrah. Is-soċjetà intimata mbagħad tgħaddi sabiex tilmenta minn komputazzjoni skorretta tal-kumpens li t-Tribunal ħadem fuq tliet snin meta l-*Corrective Mechanism Bonus* kien effettiv għal sentejn biss. Iżda l-Qorti tikkunsidra li jekk hija tinvestiga l-korrettezza ta' din l-asserzjoni li qiegħda ssir min-naħa tas-soċjetà intimata, hija ma tkun qiegħda tiddeċiedi l-ebda punt ta'

liġi, stante li hawnhekk qiegħda tintalab li tinvestiga l-mertu. Għalhekk din il-parti tar-raba' aggravju tagħha wkoll mhijiex ammissibbli. It-tielet parti tar-raba' aggravju tas-soċjetà ntimata tolqot ukoll il-komputazzjoni li għamel it-Tribunal, fejn din id-darba s-soċjetà intimata qiegħda tikkontendi li l-ogħla *take home pay* għas-sena 2019 ma setgħetx tkun dik ta' Noel Mercieca stante li dan ma kienx għadu impjegat magħha, iżda kienet dik ta' R. Caruana. Hawnhekk ukoll l-argument tas-soċjetà intimata ma jolqot l-ebda punt ta' liġi, u għalhekk din il-parti tar-raba' aggravju wkoll hija inammissibbli.

16. Fl-aħħarnett, is-soċjetà intimata tissottometti li meqjusin l-ewwel u t-tieni aggravji tagħha, jirriżulta ksur tad-dritt tagħha għal smigħ xieraq u in partikolari l-prinċipju ta' ġustizzja naturali *audi alteram partem.* Tgħid li hija tħossha aggravata bl-imġiba preġudikanti tat-Tribunal li kellu jimxi amministrattivament, proċeduralment u sostantivament b'mod korrett, iżda minflok jirriżulta li t-Tribunal għażel dawk l-elementi probatorji sabiex b'hekk id-deċiżjoni tiegħu ffavoriet naħa waħda. Min-naħa tagħhom ir-rikorrenti jirrilevaw li kif deċiż diversi drabi, id-dritt fundamentali għal smigħ xieraq huwa indipendenti mill-eżitu tal-proċeduri jew mill-fatt jekk parti jew oħra taqbilx o meno mal-apprezzament tal-mertu. Il-Qorti filwaqt li tirrileva li hija diġà kkunsidrat dan il-punt iktar 'il fuq f'din is-sentenza, tikkunsidra li lment bħal dan ma jistax jiġi ttrattat u deċiż quddiemha, iżda minn dik il-Qorti jew tribunal kompetenti, skont in-natura proprja tal-ilment.

17. Fl-appell inċidentali tagħhom, ir-rikorrenti qegħdin jilmentaw minn dik il-parti tad-deċiżjoni appellata fejn it-Tribunal iddeċieda li kien hemm negliġenza kontributorja min-naħa tagħhom. Filwaqt li jagħmlu riferiment għas-

sottomissjonijiet tagħhom dwar ir-raba' aggravju tas-soċjetà ntimata, huma jiġbdu l-attenzjoni ta' din il-Qorti għall-*affidavits* rispettivi tagħhom fejn huma llikwidaw il-kumpens li għandhom jirċievu. Jirrilevaw li l-kumpens mogħti mit-Tribunal kien ferm iktar baxx, u dan mingħajr spjegazzjoni dwar kif sar tnaqqis daqstant konsiderevoli, salv għal dak ta' 20% bħala negliġenza kontributorja. Ir-rikorrenti jikkontendu li t-Tribunal ukoll ma kienx ċar biżżejjed meta sab li kien hemm negliġenza kontributorja, u b'hekk għamel tnaqqis ta' 20% mill-kumpens li kellhom jirċievu. Jissottomettu li n-negliġenza kontributorja hija s-soltu relatata ma' inċidenti tat-triq, jew fuq il-post tax-xogħol, u hawnhekk huma saħansitra ma kellhom l-ebda involviment fit-tfassil, iffirmar u konklużjoni tal-ftehim kollettiv. Ir-rikorrenti jsostnu li l-fatt li wħud minnhom kienu membri tal-eżekuttiv tal-union, ma seta' kellu l-ebda effett fuq ir-riżultat diskriminatorju tal-ftehim. Jirrilevaw li ma tressqet l-ebda prova li dawn l-istess membri kellhom xi sehem deċiżiv fil-ftehim kollettiv, jew li huma r-rikorrenti stess ikkontribwew b'xi mod għalih anki għall-mekkaniżmu maħluq fih li ġab id-diskriminazzjoni lmentata. Ir-rikorrenti jgħidu wkoll li lanqas ma kienet tressqet eċċezzjoni li huma kienu jaħtu, forsi *in parte*, għal din id-diskriminazzjoni, u jirrilevaw li l-liġi stess tagħti l-opportunità lill-impjegati ndividwali sabiex jikkontestaw il-ftehim li jkun sar mal-*union.* Għalhekk huma jitolbu sabiex l-ammont tal-kumpens likwidat jiġi korrett billi jirrifletti l-ammonti indikati fl-*affidavits* rispettivi tagħhom mingħajr ma jsir l-ebda tnaqqis. Il-Qorti tikkunsidra li essenzjalment dak li qiegħed jintalab minnha huwa li jiġi rivedut l-ammont tal-kumpens likwidat mit-Tribunal, u dan stante li hemm diversi punti fil-mertu li r-rikorrenti mhumiex qegħdin jaqblu fuqhom kif ġew deċiżi. Għalhekk l-aggravju uniku

tagħhom ma jittratta l-ebda punt ta' liġi, u l-Qorti tikkunsidrah bħala inammissibbli.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi dwar dan l-appell billi:**

**(a) tilqa' l-appell tas-soċjetà intimata, u dan limitatament kif ingħad iktar 'il fuq f'din is-sentenza, u tħassar u tirrevoka dik il-parti tad-deċiżjoni appellata fejn it-Tribunal ħeles lill-intimata Union of Cabin Crew mill-osservanza tal-ġudizzju, u tikkonferma l-kumplament tad-deċiżjoni appellata, filwaqt li tiddikjara l-kumplament tal-imsemmi appell bħala inammissibbli a tenur tad-disposizzjonijiet tas-subartikolu 82(3) tal-Kap. 452, u għaldaqstant tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-aggravji relattivi;**

**(b) tiddikjara wkoll inammissibbli l-appell inċidentali tar-rikorrenti u tastjeni milli tieħu konjizzjoni tiegħu; u**

**(ċ) tordna sabiex l-atti jintbagħtu lura quddiem it-Tribunal li għandu jiddeċiedi dwar ir-responsabbiltà o meno tal-intimata Union of Cabin Crew, anki fir-rigward tal-ħlas tal-kumpens illikwidat favur ir-rikorrenti.**

**L-ispejjeż tal-proċeduri odjerni għandhom jitħallsu mis-soċjetà intimata, għajr għal kwart (1/4) li għandhom ikunu a karigu tal-intimata Union of Cabin Crew.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**